# Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)
# Gurisdizzjoni Inferjuri

## Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.

## Seduta tal-lum il-Gimgha 6 ta' Mejju, 2016

## Rikors numru 578/2015 (JVC)

## Paul Portelli

## -vs-

## Ir-Registratur, Qrati u Tribunali (Ghawdex)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors ta' Paul Portelli tat-22 ta' Settembru 2015 fejn espona:

1. illi bis-sahha ta' ittra ufficjali pprezentata quddiem "il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)", Ittra numru 578/2015, ir-Registratur talbet il-hlas minghand l-esponenti tas-somma ta' erba' mija disgha u ghoxrin euro u sebgha u sebghin centezmu (€429.77) bhala hlas tal-bilanc tad-dritt tar-registru fil-kawza numru 121/1985 fl-ismijiet "Maria Portelli et vs Joseph Portelli", dezerta fil-31 ta' Ottubru 2001.

2. illi l-ammont mitlub ma huwiex dovut ghaliex huwa abbundantement preskritt u dan fit-termini tal-Artikolu 2156(g) tal-Kodici Civili.

Ghaldaqstant, l-esponenti jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara li t-talba tar-Registratur, Qrati u Tribunali, Ghawdex ghall-hlas ta' din is-somma bhala nfondata fid-dritt u fil-fatt u konsegwentement tiddikjara li l-esponenti ma ghandu jhallas xejn lill-istess Registratur.

Bl-ispejjez ta' din il-procedura a karigu tal-istess Registratur.

Rat ir-risposta tar-Registratur Qrati u Tribunali (Ghawdex) datata 9 ta' Ottubru 2015 fejn ippremettiet:

Illi r-rikorrent Paul Portelli kien wiehed mill-atturi fil-kawza numru 121/1985(PC) illi marret dezerta fil-31 ta' Ottubru 2001 u ghaldaqstant huwa solidament responsabbli flimkien mal-attrici l-ohra, ghad-dritt tar-registru.

Illi l-preskrizzjoni nvokata mir-rikorrenti ma tistax tintlaqa' kif ser jintwera fil-kors ta' dina l-kawza u t-talba tal-esponenti ghandha tigi konfermata.

Ghaldaqstant ir-rikors odjern ghandu jigi respint bl-ispejjez.

Rat l-atti kollha.

Rat in-nota tar-Registratur Qrati u Tibunali, Ghawdex tas-6 ta' Mejju 2016 fejn gew ammessi t-talbiet kontenuti fir-rikors odjern.

Tilqa' t-talba ta' Paul Portelli u tiddikjara li r-rikorrent m'ghandu jaghti xejn lir-Registratur intimat.

Bl-ispejjez kontra r-Registratur Qrati u Tribunali, Ghawdex.

(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur